**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 - IT-TLIETA 10 TA' NOVEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | F'xi ħin kien hemm 5 residenti mill-Magħtab preżenti li ġew speċifikament biex jiltaqgħu mal-Kunsill fuq każijiet relatati mal-Magħtab. | |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-minuti kienu kkunsidrati moqrija. Wara konsiderazzjoni, kienu approvati kif imressqa.

1.2. Il-Kunsillier Agius staqsa dwar il-paragrafu 3.4 rigward ir-rapport li huwa għamel dwar il-palmi. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li hija flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu tkellmu ma' ħaddiema li dderiġewhom għas-superjur tagħhom li iżda dan irreferihom għad-Dipartiment tal-Parks. Is-SE informa li kellu lil Marthese Camilleri qed taħdem fuq dan il-każ.

1.3. Is-Sindku u l-Kunsilliera Miceli ġibdu l-attenzjoni dwar l-ammont ta' ħmieġ li għad hemm fil-parking tat-Trade Fair. Is-SE informa li l-art in kwistjoni hija maqsuma fi tlieta u hija propjetà ta' tliet entitajiet differenti, Scicluna Estates, Trade Fairs Corporation u l-Gvern. Huwa informa li t-Trade Fairs Corporation kienu naddfu ż-żona tagħhom filwaqt li kien qiegħed jaħdem biex id-Dipartiment tal-Indafa jnaddaf il-parti tal-Gvern minħabba li ma taqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li jekk dan ma jsirx il-Kunsill jevalwa x'jista' jagħmel hu.

1.4. Il-Kunsillier Miceli semmiet li hemm propjetà fi Triq Bużjett li hija abbandunata u qed ikollha ħafna ħmieġ fil-parapett tagħha.

1.5. Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-proġett maħsub tal-Youth in Action. Il-Kunsillier Brincat u s-SE taw rendikont tal-laqgħa li kellhom mal-EUPA nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru u li għaliha kienu preżenti flimkien magħhom Ruby Attard u Daniel Frendo.

Marvic Ann Debono infurmathom li l-EUPA ma kinitx qed tħeġġeġ skambji ta' żgħażagħ u minflok inkoraġġiet ħafna biex l-applikazzjoni ssir taħt miżura 1.3 (Democracy). Din hija differenti minn miżura 1.1 speċjalment għaliex minflok minimu ta' żewġ imsieħba irid ikun hemm żewġ imsieħba minn żewġ pajjiżi, total ta' erba' msieħba. Huma esiġew ukoll li l-Kunsill ma jistax jidher li huwa l-applikant. Kontra kif isir fl-iskambji, żjara barra l-pajjiż issir darba biss filwaqt li bħala finanzjament ikun hemm allokat somma waħda sa massimu ta' €50,000 għall-imsieħba kollha. Is-Sinj. Debono skoraġġiet li ssir applikazzjoni sal-1 ta' Novembru u minflok inkoraġġiet li ssir l-applikazzjoni sal-1 ta' Frar 2010 għalkemm it-tema għas-sena d-dieħla se tkun Il-Povertà u l-Esklużjoni Soċjali.

1.6. Il-Kunsillier Galea staqsa dwar il-petizzjoni ta' Triq l-Ifran fejn is-SE wieġeb li għad ma sarx komunikazzjoni mar-residenti inkwistjoni minħabba pressjoni ta' xogħol.

1.7. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar kif marret l-attività sportiva tal-Ħadd ta' qabel. Il-Kunsill kien infurmat li, filwaqt li r-rispons għall-*aerobics* eċċeda bil-kbir dak mistenni, il-konkorrenza għall-attività tal-Ħadd kienet fqira tant li ttieħdet id-deċiżjoni li tkun ikkanċellata. Kien hemm għalhekk li l-kumplament tal-attivitajiet sportivi ippjanati skont kif avżat jiġu kkanċellati u ssir talba lill-Kunsill Malti għall-Isports biex, minflok, il-flus allokati jmorru fuq aktar klassijiet tal-*aerobics*.

1.8. Il-Kunsillier Bonello għamel riferenza għall-paragrafu 1.4 fejn informa li l-wirja ngħatat importanza mill-mezzi tax-xandir tant li kienet koperta fl-aħbarijiet kemm ta' NET u anki ONE.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li waslet talba mill-Peace Band Club biex matul il-jiem tal-Milied, fiż-żona ċentrali, jinstallaw sett ta' speakers biex ixandru mużika tal-Milied. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jilqa' t-talba bil-kundizzjoni li ma ssirx trasmissjoni fit-13 ta' Diċembru, il-ħoss ikun moderat, jitnaqqsu r-repetizzjonijiet u li ma jkun hemm inkonvenjent għal ħadd.

2.2. Is-SE qara ittra mingħand l-arċipriet dwar it-talba biex tkun miksija l-parkeġġ tal-Oratorju. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel mal-prinċipju kif kien qiegħed jiġi suġġerit mill-Arċipriet iżda kien hemm qbil li ssir aktar diskussjoni bil-ħsieb li possibilment dan il-parkeġġ jiġġenera xi dħul ukoll.

2.3. F'dan il-ħin ġiet sospiża l-aġenda temporanjament biex il-Kunsill jiddiskuti ma' residenti mill-Magħtab u oħra ma' residenti minn Triq in-Nutar Emanuel Debono dwar problemi li għandhom. Il-ħin kien it-8:15pm. Dettalji ta' dawn il-laqgħa jinsabu annessi f'A u B rispettivament.

2.4. Meta tkompliet il-laqgħa (fid-9:22pm) il-Kunsillier Bonello ippropona li, minħabba problema ta' aċċess li għandhom xi sidien ta' trakkijiet li joqgħodu fuq ix-xaqliba taż-żona tal-iskejjel, dawn is-sidien għandhom jingħataw permess biex jaċċessaw Triq il-Parroċċa bit-trakkijiet. Madanakollu kien hemm diskussjoni fejn kien espress li dawn m'għandhomx l-aċċess għal kollox imblukkat iżda biss li jridu jieħdu dawra ikbar biex jaslu sad-dar. Il-Viċi Sindku kkonferma li se jiċċekkja jekk dawn jistgħux jgħaddu minn Triq San Ġorġ.

2.5. Il-Kunsillier Agius semma l-applikazzjoni minn Palazzo Parisio lill-MEPA biex ipoġġu imwejjed fejn l-istatwa ta' San Ġużepp. Huwa informa li, wara li l-permess kien rifjutat, saru xi emendi billi ż-żona tkun iċċirkondata bil-perspex. Il-Kunsill iddikjara li ma jaqbilx ma' dan. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami offriet li tiċċekkja mal-MEPA dwarha ħalli tittieħed l-azzjoni neċessarja.

2.6. Il-Kunsillier Sammut informa li kien qiegħed jiġi organizzat tournament tal-futbol ta' ġurnata fil-5 ta' Diċembru b'risq Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel li joffri l-użu tal-grawnd għal dan il-għan bla ħlas iżda, minħabba li dak inhar normalment jintuża min-Naxxar Football Nursery, għandu jsir l-arranġament magħhom.

2.7. Il-Kunsillier Sammut talab li f'Baħar iċ-Ċagħaq isir xi tiżjin tal-Milied. Il-Kunsillier Bonello informa li huwa kien se jressaq talba simili iżda kien induna li s-SE kien diġà kkonferma li se jsir dan ma' residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

2.8. Il-Kunsillier Brincat informa li l-Każin tal-Partit Laburista qed jitlob biex jagħmel permess biex ipoġġi tinda quddiem il-każin biex isiru attivitajiet relatati mal-Milied. It-tinda tintrama bejn it-12 u t-22 ta' Diċembru u tieħu parti mill-bankina u spazju wieħed ta' karozza. Minħabba li kien hemm qbil li fit-13 ta' Diċembru l-istess tinda tintuża għall-attività Ir-Raħal fil-Milied, il-Kunsill laqgħa t-talba filwaqt li qabel jintalab ħlas għall-jiem kollha minbarra dak inhar tal-attività tal-Kunsill.

2.9. Il-Kunsillier Galea rrapporta li l-humps ta' Triq il-Markiż Scicluna qed jitkissru. Is-SE wiegħed li jindaga mal-ADT dwar jekk joħorġux permess li minflok tat-tarmak isiru tal-lasktu minħabba li t-triq hija dejqa. Il-Kunsill qabel.

2.10. Il-Kunsillier Galea informa li hemm siġra taċ-ċipress mal-bini tal-Kunsill li qed tagħmel il-ħsara liż-żona okkupata mill-iscouts. Huwa informa wkoll li kien hemm xi ħsara fil-kamra tal-GSL filwaqt li mil-lift ta' barra qed jidħol l-ilma.

2.11. Is-SE informa li kienet waslet ittra mingħand il-Kumitat Festi Esterni b'kummenti dwar il-festa. Il-Kunsill qabel li, sa fejn ikun possibli, għandu jsir kull tentattiv biex it-talbiet jintlaqgħu.

## 3. RAPPORTI TAL-ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI U L-AMMINISTRAZZJONI

3.1. Il-Kunsillier Sammut

3.2. .

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI

4.1. Is-SE informa li

4.2. .

## 5. IL-PROĊESS TAL-IMPJIEG TAL-ISKRIVANI

5.1. Is-SE informa li kienu

5.2. .

## 6. OFFERTA MINN WASTESERV

6.1. Is-SE informa li l-.

## 7. IDENTIFIKAZZJONI TA' TOROQ LI JEĦTIEĠU KISI MILL-ĠDID

7.1. Is-SE issuġġerixxa li kull Kunsillier

## 8. ATTIVITAJIET (SPORTIVI, KULTURALI U AMBJENTALI)

8.1. Il-Kunsillier Galea ta spjegazzjoni

**9. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

9.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11:10pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2009 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**LAQGĦA MAR-RAPPREŻENTANTI TAS-SAFARI CAMPING CLUB - 20 TA' OTTUBRU 2009**

Kien hemm erba' persuni jirrapreżentaw dan il-klabb waqt din il-laqgħa.

1. Wieħed mir-rappreżentanti informa li qed ikun hemm ħafna vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq li tagħti għall-Caravan Site bir-riżultat li ħafna drabi mhux qed iħallu spazju biżżejjed fin-nofs biex tgħaddi vettura oħra. Dan huwa ta' periklu għaliex ambulanza żgur li ma tgħaddix kemm-il darba tinħoloq emerġenza. Għaldaqstant talbu li dan ir-rapport jitwassal għand l-ADT.
2. Intalbet ukoll l-għajnuna tal-Kunsill sabiex il-parti li ma saritx bit-tarmak, man-naħa tal-baħar, tiġi llivellata daqs il-parti tat-tarmak minħabba li hemm partijiet li d-diżlivell huwa għoli ħafna u qed joħloq problemi. Kemm-il darba dan jiġi llivellat, dawn iż-żoni jkunu jistgħu jintużaw bħala parkeġġ kif kien isir qabel. Il-Kunsill informa li kien diġà talab lill-Gvern Ċentrali (MTA) sabiex isir dan ix-xogħol però, wara li it-talba ma setgħetx tintlaqa' kien hemm qbil li jibda pjan kif issir riġenerazzjoni taż-żona. Madanakollu mhux antiċipat xogħol fil-qrib.
3. Intalbet l-għajnuna tal-Kunsill biex issir *bring-in site* inkella jitpoġġew xi skips minħabba ż-żibel li jiġi ġġenerat. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-*bring-in site* iżda s-SE informa li bring-in site ma tiddependix mill-Kunsill iżda mill-WasteServ. Skont dawn ir-rappreżentanti kienu diġà infurmaw lill-WasteServ bix-xewqa tagħhom.

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv